MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1777/2005

**Alfred u Antoinette konjugi Deguara**

**vs**

**Saviour Casha f'ismu u kif ukoll f'isem u ghan-nom tas-socjeta kummercjali S.C. Hire Services Ltd**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta'Settembru 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti kwantu ghal Lm1,141.14 spejjes u drittijiet ta' appogg skond certifikat mill-Perit Cuschieri; kwantu ghal Lm226.34 spejjes ta' dawl u ilma ikkunsmati mill-istess konvenut pro et noe mill-fond ta'l-atturi; u kwantu ghal Lm132.52 spejjes inkorsi mill-atturi ghal hsarat maghmula mill-konvenut jew nies imqabbda minnu fil-katusi tad-dranagg taghhom, b'l-imghaxx fuq Lm1,141.14

minn Dicembru 1994, imghaxx fuq Lm226.34 minn Jannar 1997 u imghaxx fuq Lm132.32 minn Gunju 1999, u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittri ufficjali datati 16 ta' Gunju 1999 u 18 ta' Ottubru 2004.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fil-21 ta'Ottubru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------